**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**

**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 26 ta' Lulju 2018**

**Rikors Numru 34/2017**

**David Avila**

**Vs**

**L-Awtorita` dwar it-Trasport f'Malta u l-Ministru tal-Finanzi**

It-Tribunal,

Ra r-rikors ta' **David Avila** pprezentat 6 ta' Gunju 2017 li permezz tieghu ppremetta is-segwenti:-

*"Illi l-appellant kien intavola applikazzjoni ai termini tal-artikolu 19 tal-Kapitolu 368 tal-Ligijiet ta' Malta u dan ghal-ezenzjoni mill-hlas ta' taxxa ta' registrazzjoni fuq vettura tat-tip Volkswagen Transporter bin-numru ta' registrazzjoni Irlandiz 09D12873.*

*Illi qabel mal l-appelant ittant jgib din il-vettura hawn Malta huwa kkonferma verbalment kemm il-darba li din il-vettura tikkwalfika ghal din l-esenzjoni. Jinghad li huwa hallas l-ammont ta' €7,500 (minghajr VAT) sabiex din tkun tista tasal hawn Malta.*

*Illi din il-vettura hija attwalment hawn Malta.*

*Illi permezz ta' decizjoni datata 16 ta' Mejju 2017 l-intimati irrifjutaw l-applikazzjoni kopja ta' liema qieghda tigi annessa u mmarkata bhala Dok A.*

*Illi l-appellant hass ruhu aggravat minn din id-decizjoni u ghalhekk qieghed jintavola dawn il-proceduri.*

*Illi jinghad lir-raguni l-ghala l-intimati irrifjutaw li jaccettaw din l-ezenzjoni tista tinqasam fit-tnejn. Fl-ewwel lok l-intimati jikkontendu li l-vettura in kwistjoni li skond huma hija tal-kategorija M1 tirrikjedi wkoll bdil fir-residenza tal-appellant u dan ai termini tal-artikolu 19(3)(f) tal-Kapitolu 368 tal-Ligijiet ta' Malta. Izda, l-intimati naqsu li jitolbu prova ta' dan qabel ma irrilaxxaw d-decizjoni taghhom. In oltre, l-intimati jikkontendu li huwa m'ghamilx din l-applikazzjoni fi zmien tletin gurnata.*

*Illi kif sejjer jigi ppruvat waqt is-smiegh ta' dawn il-proceduri, l-appellant huwa CEO ta' grupp ta' kumpanniji inkoroparti hawn Malta u ilhu f'dan ix-xoghol hawn Malta minn Jannar tas-sena 2017. Fil-fatt l-appellant ghandu kuntratt ta' impjieg ta' natura fulltime u indefinit. Apparti minn hekk, l-appellant huwa mizzewweg bit-tlett itfal li kollha jghixu hawn Malta, u tifla minnhom li ghanda seba snin qieghda tattendi skola hawn Malta fi hdan l-iskola Santa Klara. L-appellant u l-familja jikru propjetá gewwa Tigne Sliema versu l-kera ta' €1,800 fix-xhar.*

*Illi l-appellant u l-familja tieghu stabbilew r-residenza taghhom hawn Malta u ghalhekk ai termini tal-artikolu utilizzat mill-intimati, huwa seta japplika minghajr xkiel ghal din l-applikazzjoni li kellha tigi accettata.*

*Illi rigwardanti t-tieni rekwizit u cioé dik tat-tletin gurnata, jinghad li, kif dejjem gie mgharraf lill-intimati, l-appellant kien fl-impossibilitá li dan isehh.*

*Illi l-appellant gie mgharraf li sabiex issehh din ir-registrazzjoni huwa kellu jipproduci Karta ta' Indendita jew permess ta' residenza (lanqas biss konferma li l-karta tieghu giet ipporcessata minn Identity Malta ma kienet bizzejjed). Fil-fatt huwa mar fi hdan l-ufficini tal-Awtoritá fit-terminu izda meta mar huwa gie mgharraf li kellu jkollu l-Karta tal-permess ta' residenza. Fil-fatt huwa mart fit-terminu meta kellhu din il-Karta.*

*Illi ghar-ragunijiet li sejrin jigu amplifikati u trattati waqt is-smiegh ta' dawn il-proceduri jinghad li l-appellant gie milqut negattivament mill-ammont ta' burukrazija fi hdan diversi dipartimenti. Kien biss wara diversi xhur li din l-Karta giet moghtija lill-appellant. Jinghad pero li huwa pproceda bl-applikazzjoni tieghu fi zmien tletin gurnata minn mindu huwa nghata ll-permess ta' residenza relattiva.*

*Illi ghalhekk huwa ssodisfa r-rekwiziti kollha necessarji skond il-ligi u konsegwentement d-decizjoni tal-intimati hija hazina u nulla.*

*Għaldaqstant l-esponent jitlob umilment li dan it-Tribunal joghgbu jhassar, jirrevoka u jikkancella d-decizjoni ta' l-intimati kif kontenuta f'ittra tas-16 ta' Mejju 2017 u konsegwentement jordna illi l-appellant jilqa l-appliazzjoni tieghu fis-sens li jkun ezentat ezenzjoni mill-hlas ta' taxxa ta' registrazzjoni fuq vettura tat-tip Volkswagen Transporter bin-numru ta' registrazzjoni Irlandiz 09D12873. u dan taht dawk il-provedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni."*

*Volkswagen Transporter* *bin-numru ta' reġistrazzjoni Irlandiż* ***09D12873;***

2. *L-esponent jeċċepixxi illi l-allegazzjonijiet kollha tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif ser jiġi muri fil-mori ta' dan ir-rikors;*

3. *L-applikazzjoni ta' David Avilla ġiet rifjutata mill-Ministeru għal-Finanzi minħabba l-fatt li l-applikazzjoni tiegħu ma ssodisfatx tnejn mill-kriterji stabilliti fil-**Leġislazzjoni Sussidjarja 368.01 (applikazzjoni annessa u mmarkata DOK MF 1**). L-ewwel kriterju li ma giex sodisfatt hu li l-karozza tar-rikorrent ma taqax taħt din l-iskema ta' eżenzjoni tat-taxxa tar-reġistrazzjoni tal-vetturi. It-tieni kriterju li wkoll ma ġiex sodisfatt hu li r-rikorrent applika barra mit-terminu ta tletin jum hekk ukoll kif stabilit fil-**Leġislazzjoni Sussidiarja 368.01;***

4. *L-esponent se jibda billi jindirizza l-ewwel kriterju li ma ġiex sodisfatt mir-rikorrent fl-applikazzjoni tiegħu; li l-kategorija tal-vettura ma taqax taħt l-iskema ta' eżenzjoni tat-taxxa tar-registrazzjoni tal-vetturi.*

5. *Meta wieħed japplika għall-eżenzjoni tat-taxxa tar-reġistrazzjoni tal-vetturi huwa għandu jannetti diveri dokumenti li jissostanzjaw l-informazzjoni li tkun ġiet imniżla fl-applikazzjoni, u dan skont **l-artikolu 6 tal-Leġislazzjoni Sussidiarja 368.01.** Wieħed mid-dokumenti li għandhom jigu ppreżentati huwa kopja taċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni tal-vettura. Ir-rikorrent ippreżenta kopja taċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni fejn juri li l-vettura hija klassifikata bhal **N1 (dokument anness u mmarkat DOK MF 2). L-artikolu 4 subinċiż (3)(a) tal-Legislazzjoni Sussidiarja 368.01** jagħmilha ċara li l-eżenzjoni taħt **l-artikolu 19(3)(f) tal-Att 368** tingħata fir-riġward ta' vettura bil-mutur **M1** jew ċikletta li tkun il-propjeta' personali ta' individwu;*

6. *Id-differenza bejn dawn iż-żewg kategoriji ta' vetturi hija li vetturi ta' kategorija **N1** huma vetturi tat-transport li jistgħu jintużaw ghal xi ġarr ta' affarijiet waqt li vetturi ta' kategorija **M1** huma karozzi għat-transport tal-passiġġieri li ma jistgħux iġorru aktar min tmien persuni. L-iskop tal-liġi hu li tinkudi biss karozzi li jintużaw għal użu personali taċ-ċittadini u teskludi kull tip ta' vetturi li jistgħu jintużaw għal użu kummerċjali;*

7. *Il-Ministeru intimat ġustament irrifjuta l-applikazzjoni tar-rikorrent għax il-vettura tiegħu, hekk kif hi dokumentata fuq iċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni, hija tal-kategorija **N1** u allura ma taqax taħt din l-iskema. Barra min hekk, ir-rikorrent ma ppreżenta l-ebda prova oħra li turi il-kuntrarju ta' dak li hemm fuq iċ-ċertifikat tar-reġistrazzjon. Il-Ministeru intimat ma kellu l-ebda triq ohra ħlief li jiddeċiedi abażi tad-dokumenti li ppreżenta l-applikant;*

8. *L-esponent sa jkompli billi jindirizza it-tieni raġuni għalfejn l-applikazzjoni ġiet irrifjutata; li r-rikorrent ma aplikax fit-terminu ta' tletin jum skont kif titlob il-ligi;*

9. *Ir-rikorrent iddikjara fl-applikazzjoni li huwa ttrasferixxa ir-residenza tiegħu fl-24 ta' Marzu 2017. Huwa preżenta kopja tad-dokument ta' residenza li tikkonferma din id-data (**kopja tad-dokument tar-residenza anness u mmarkat DOK MF 3**). Huwa ddikjara wkoll fl-applikazzjoni li l-vettura tiegħu waslet Malta fil-21 ta' Frar 2017. Dawn id-dati juru li l-vettura waslet Malta qabel ma l-applikant itrasferixxa ir-residenża tiegħu hawn Malta;*

10. ***L-artikolu 4(3)(e) tal-Legislazzjoni Sussidiarja 368.01** jgħid li meta l-persuna tkun ittrasferixxiet ir-residenza tagħha lejn Malta u l-vettura tkun diġa waslet Malta, **l-applikazzjoni għall-eżenzjoni għanda ssir fi żmien tletin ġurnata mid-data li fijha il-persuna tkun ittraferixxiet ir-residenza tagħha Malta;***

11. *Ir-rikorrent applika għal-eżenzjoni tat taxxa ta' reġistrazzjoni fuq il-vetturi bil-mutur fit-2 ta' Mejju 2017. Mil-24 ta' Marzu 2017 sat-2 ta' Mejju 2017 hemm aktar min tletin ġurnata. Dan ifisser li huwa applika barra mit-terminu stabilit mil-liġi. Jsegwi li l-Ministeru ma setax jaċetta l-applikazzjoni tar-rikorrent għax kienet barra mit-terminu stabilit mil-ligi;*

12. *Ir-rikorrent ilmenta li huwa gie milqut negattivament mill-ammont ta' burokrazija fi ħdan diversi dipartimeti. Hu qal fir-rikors promutur li dam xhur biex gie mogħti d-dokument tar-residenza. Madankollu, jekk ir-rikorrent iltaqa' ma' xi burokrazzija fi ħdan diversi Dipartimenti biex inħareġ id-dokument tar-residenza jew il-permess ta' residenza, ma' hemm xejn x'jindika li kellu xi xkiel biex japplika fi zmien 30 jum mid-data li fijha ħareġ id-dokument ta' residenza hekk kif jitlob **l-artikolu 4 subinċiż (3)(e) tal-Leġislazzjoni Sussidiarja 368.01.** Barra minn dan, din ir-raġuni ma tistax titqies bħala raġuni sabiex tigi mħassra d-deċiżjoni tal-Ministeru;*

13. *Fid-dawl tas-suesport, jidher ċar li r-rikorrenti applika għal eżenzjoni mit-taxxa tar-reġistrazzjoni tal-korozzi għall-karozza li ma tiklassifikax għal din l-iskema u adirittura applika tard wisq, tant, li applika barra mit-terminu stabilit mil-ligi. Għaldaqstant l-applikazzjoni għal eżenzjoni mit-taxxa fuq ir-reġistrazzjoni tal-vettura tar-rikorrent ma' setgħatx tintlaqa' u fil-fatt ġiet ġustament miċħuda minhabba li ma ssodisfatx il-kriterji stabbiliti fl-imsemmi regolament."*

Sema' x-xhieda;

Ra d-dokumenti kollha esebiti;

Sema' lid-difensuri tal-partijiet jitrattaw l-appell waqt is-seduta tas-17 ta' Mejju 2018.

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Bil-proceduri odjerni r-Rikorrenti qieghed jitlob li dan it-Tribunal jirrevedi d-decizjoni notifikata lilu b'ittra mibghuta mit-*Transf*er of *Residence Exemption Board* (aktar 'l isfel "il-Bord") fi hdan il-Ministeru ghall-Finanzi datata 16 ta' Mejju 2017 permezz ta' liema gie mgharraf bis-segwenti:-

*"Reference is made to your application for an exemption under article 19 of the Motor Vehicle Registration and Licensing Act (Cap. 368) (Transfer of Residence) and Regulation 4 of the Exemption from Motor Vehicle Registration Tax Rule (S.L. 368.01).*

*Following assessment of your application, it is regretted that this Ministry cannot accede to your request since your vehicle does not fall in an M1 category, in terms of Legal Notice 440 of 2013 under rule 4 (2) which stipulates that "the exemption under article 19 (3) (f) of the Act shall be granted in respect of an M1 motor vehicle or a cycle which is the personal property of an individual and which is being brought or imported into Malta by that individual when he is transferring his normal residence from a place outside Malta to a place in Malta.*

*Furthermore, rule 4 (3) (e) stipulates that "where the person has transferred his residence to Malta and the vehicle has already arrived in Malta, the application for exemption is to be made within thirty days from the date on which that person had transferred his residence to Malta."*

**Ir-rikorrent** xehed illi f'Dicembru 2016 kkuntattja lill-Awtorita` intimata sabiex jikseb taghrif dwar l-ispejjez involuta biex jimporta vettura mill-Irlanda ghal Malta. Huwa gie informat li ladarba l-vettura kienet ilha ghandu ghal iktar minn sentejn huwa kien eligibbli ghal ezenzjoni mit-taxxa ta' registrazzjoni. F'Jannar 2017 imbaghad rega' kkuntattja lill-Awtorita` intimata sabiex jara kemm kienet tkun il-licenzja tat-triq. Eventwalment il-vettura waslet Malta fit-28 ta' Frar 2017 mentri huwa kien wasal Malta fl-14 ta' Jannar 2017.

Jghid li sussegwentement beda process biex japplika ghall-permess ta' residenza, liema process ha ftit fit-tul u kellu *acknowledgement* bhala resident fl-24 ta' Marzu 2017, liema *acknowledgement* pero` huwa rcieva bil-posta fil-bidu ta' April. Jghid pero` li meta mar Transport Malta bid-dokumenti kollha rikjesti huwa gie nfurmat illi l-applikazzjoni ghall-ezenzjoni mit-taxxa ta' registrazzjoni ma setghetx tigi processata la darba kien ghad m'ghandux l-karta ta' identita` nonostante li urihom ir-ricevuta tal-istess karta ta' identita`. Jispjega li meta mbaghad rega' mar meta rcieva l-karta ta' l-identita proprja huwa gie mgharraf illi kienu lahqu ghaddew it-tletin gurnata entro liema kellu jissottometti l-applikazzjoni tieghu.

Fir-rigward tal-kategorija ta' klassifikazzjoni tal-vettura in kwistjoni, huwa jispjega li din hija *motor caravan* u mhux vettura kummercjali. Jispjega li huwa kien xtara l-vettura fl-2012 bhala wahda kummercjali pero` immedjatament kienet giet konvertita f'*motor home* professjonali u hallas tlett elef u sitt mitt ewro (€3600) sabiex tigi mibdula l-kategorija taghha minn kummercjali ghal wahda privata.

Mistoqsi mid-difensur tal-Ministeru intimat jekk kienx qara l-informazzjoni kontenuta fl-applikazzjoni ghall-ezenzjoni, ir-rikorrent wiegeb fl-affermattiv. Jispjega li meta huwa avvicina l-ewwel darba lil Transport Malta huwa kienet entro t-terminu tat-tletin gurnata pero` meta pprova japplika ghall-ezenzjoni gie mgharraf mill-ufficjali ta' Transport Malta li kellu bzon ir-*residence card*.

Xehdu wkoll **Dr. Samuel Gauci, Ricardo Colombo Joseph Saliba in rapprezentaza ta' Jobsplus u Amanda Balzan** dwar l-attivita` kummercjali tar-rikorrent f'Malta.

**Derek Camilleri,** in rapprezentaza ta' *Identity Malta*, stqarr illi r-rikorrent applika ghall-permess ta' residenza fl-24 ta' Marzu 2017 u irtira r-*residence card* fit-28 ta' April 2017.

**Francis Attard**, Cermen tat-*Transfer of Residence Exemption Board*, spjega illi l-applikazzjoni tar-rikorrenti giet rifjutata ghal zewg ragunijiet, u cioe` ghaliex il-vettura kienet klassifikata bhala tat-tip N1 u ghaliex l-applikazzjoni giet

sottomess oltre t-tletin gurnata minn meta r-rikorrent ha r-residenza normali tieghu hawn Malta.

In kontro-ezami jistqarr illi l-Bord ma jaghmilx spezzjonijiet fuq il-vetturi, pero` eventwalment l-Awtorita` intimata taghmel spezzjoni hi. Jistqarr illi biex wiehed japplika ghall-ezenzjoni ma hux necessarju li l-applikant ikollu *residence card,* pero`, normalment il-Bord ma jiddecidix l-applikazzjoni qabel ma jkun inhareg id-dokument ta' residenza.

**Ikkunsidra:**

Illi t-Tribunal se jibda biex jezamina l-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita` intimata u cioe` illi mhix il-legittimu kontradittur f'din il-kawza u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju. Illi dan it-Tribunal kellu diversi okkazjonijiet fejn irribadixxa li l-Awtorita` intimata m'ghandha x'taqsam xejn mad-decizjoni appellata siccome` huwa l-Bord mahtur *ad hoc* mill-Ministru intimat li ghandu l-poter jiddeciedi l-applikazzjonijiet in dizamina. Ghaldaqstant qieghed jilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita` intimata u jilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju **b'dana pero` it-Tribunal ikun qieghed jonqos jekk ma jenfasizzax, kif ghamel f'decizjonijiet precedenti, illi l-istess Awtorita` intimata ghandha mill-aktar fis possibbli tiehu dawk il-mizuri necessarji biex ma tkomplix taghti informazzjoni zbaljata lill-applikanti prospettivi dwar l-eligibilita` taghhom u dwar x'dokumenti huma realment necessarji fl-istadju tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni. Dan qieghed jinghad ghax fil-kaz odjern, a differenza ta' dak li gie mgharraf ir-rikorrenti, ma kienx hemm bzonn li r-rikorrenti ikollu f'idu r-*residence card* biex huwa jissottometti l-applikazzjoni tieghu. Il-fatt li huwa applika ghall-istess *residence card* kien bizzejjed f'dak l-istadju.**

Illi sorvolata l-kwistjoni preliminari, it-Tribunal se jinvesti l-mertu tal-kwistjoni.

Illi l-applikazzjoni tar-rikorrenti giet michuda abbazi ta' zewg ragunijiet u cioe`:

1. Illi l-vettura ma kinitx tat-tip M1, u

2. Illi l-applikazzjoni ghall-ezenzjoni mit-taxxa giet sottomessa iktar minn tletin gurnata wara li r-rikorrenti ha r-residenza ordinarja tieghu f'Malta waqt li l-vettura kienet diga waslet hawn Malta.

Illi ai termini tal-artikolu 19 (f) tal-Kapitolu 368 tal-Ligijiet ta' Malta (Att Dwar ir-Registrazzjoni u l-Licenzjar ta' Vetturi bil-Mutur),, biex vettura tikkwalifika ghall-ezenzjoni mit-taxxa ta' registrazzjoni trid tkun ***"vettura bil-mutur M1 jew ċikletta li tkun il-proprjetà personali ta' individwu privat u li tkun qiegħda tinġieb b'mod permanenti f'Malta mill-individwu meta huwa jkun qiegħed jittrasferixxi r-residenza normali tiegħu minn post barra minn Malta għal post f'Malta, iżda l-eżenzjoni tingħata kemm-il darba dik il-vettura tikkwalifika għal eżenzjoni bħal dik. L-imsemmija eżenzjoni tingħata taħt dawk il-kondizzjonijiet, restrizzjonijiet jew limitazzjonijiet magħmula mill-Ministru responsabbli għall-finanzi fost il-kriterji li jrid ikollha vettura bil-mutur biex tkun tista' tikkwalifika ghall-ezenzjoni mit-taxxa ta' registrazzjoni, trid tkun wahda bil-mutur tat-tip M1 jew cikletta."***

Illi ai termini ta' artikolu 2 (1) tal-Kapitolu 368 tal-Ligijiet ta' Malta vetturi tal-kategorija M huma definiti bhala ***"vetturi bil-mutur b'għallanqas erba' roti maħsuba u mibnija għall-ġarr ta' passiġġieri, u jikkomprendu vetturi M1, M2 u M3."*** Imbaghad vettura tat-tip M1 hija definita bhala ***"vettura użata għall-ġarr ta' passiġġieri b'sedili mhux iżjed minn tmien persuni minbarra s-sedil tad-driver".***

Illi mix-xhieda tar-rikorrent u mid-dokumenti esebiti jirrizulta s-segwenti:-

1. Illi mic-certifikat ta' registrazzjoni tal-vettura mahrug mid-Dipartiment tat-Trasport Irlandiz esebit bhala Dokument MF2 a fol. 23 tal-process jirrizulta illi l-vettura in kwistjoni ghandha tlett (3) sedili u kklassifikata bhala Kategorija N1;
2. Illi skond ix-xhieda tar-rikorrent din il-vettura giet konvertita f'*motor caravan* u uzata unikament ghal skopijiet familjari fejn allura giet vettura b'sitt sedili u ma baqghatx wahda kummercjali;

Illi mbaghad ai termini tas-sucitat artikolu vettura **N1** hija definita bhala *"**vettura użata għall-ġarr ta' merkanzija u li għandha piż massimu ta' mhux iżjed minn 3.5 tunnellati**"*.

Illi l-Bord kien rinfaccjat bic-Certifikat ta' Registrazzjoni tal-Irlanda fejn l-istess vettura giet ikklassifikata bhala N1. Kwindi abbazi tal-istess certifikat certament ma setghax jikklassifika l-vettura in kwistjoni mod iehor. Illi min-naha l-ohra r-rikorrenti jaghti spjegazzjoni ghaliex skond hu l-istess vettura ghandha tigi kkunsidrata bhala li taqa' fil-kategorija M1, principalment ghaliex din giet konvertita minn ditta estera ghal *motorcaravan* u allura l-iskop taghha ma baqghax iktar li ggorr merkanzija.

Illi t-Tribunal jaghmel referenza ghal appell iehor deciz minnu u cioe` dak fl-ismijiet ***Nigel Donovan vs Ministeru tal-Finanzi*** deciz fil-15 ta' Novembru 2015 u konfermat mill-Qorti ta' l-Appell fit-3 ta' Marzu 2017. F'dak il-kaz ir-rikorrent ukoll kien ikkonverta vettura minn wahda kummercjali ghal wahda ta' garr ta' passiggieri. Madankollu, a differenza tal-kaz citat, f'dan il-kaz it-Tribunal ma gie konfortat bl-ebda prova dwar din il-konverzjoni hlief ix-xhieda tar-rikorrent innifsu. It-Tribunal huwa tal-fehma illi r-rikorrent seta' facilment jottjeni l-ahjar prova ta' din il-konverzjoni billi jipproduci fatturi, ritratti u xhieda ohra dwar l-uzu ta' din il-vettura. Pero` l-provi tieghu huma mankanti minn dan kollu. Huwa veru li fit-*tax discs* tal-vetturi hemm imnizzel il-kelma "MTRCVAN" u li fic-certifikat tal-assigurazzjoni hemm imnizzel li l-vettura tista' tintuza ghal *"social, domestic and pleasure purposes"* pero` kif intqal mill-Qorti ta' l-Appell (Inferjuri) fid-decizjoni ***Stack Lee vs Ministeru tal-Finanzi*** datata 25 ta' Mejju 2016 *"m'huwiex rilevanti l-fatt li fl-istess polza l-uzu tal-vettura gie deskritt bhala "social domestic and pleasure purpose." Polza li wara kollox inharget fl-Ingilterra u m'ghandha x'taqsam xejn mal-ezenzjoni mill-hlas ta' taxxa ta' registrazzjoni. Il-qorti zzid li kundizzjonijiet imposti f'polza ta' assikurazzjoni, li l-Gvern m'huwiex parti ghaliha, ma jiddeterminawx jekk vettura tidhol fil-kategorija ta' M vehicle kif definit fil-Kap. 368".*

Illi ghalhekk it-Tribunal huwa tal-fehma illi r-rikorrent ma gab l-ebda prova sodisfacenti illi l-vettura in kwistjoni ghandha tigi kklassifikata bhala vettura M1 u mhux N1.

Illi sorvolata l-kwistjoni tal-klassifikazzjoni tal-vettura jonqos li tigi ndirizzata t-tieni raguni ghala giet rifjutata l-applikazzjoni tar-rikorrenti, u cioe` t-trapass ta' oltre tletin gurnata minn meta l-vettura waslet hawn Malta u r-rikorrenti ha r-residenza normali tieghu sakemm applika.

Illi minn dak dikjarat fl-applikazzjoni ghall-ezenzjoni jirrizulta illi r-rikorrent iddikjara illi huwa ttrasferixxa r-residenza tieghu hawn Malta fl-24 ta' Marzu 2017, filwaqt li l-vettura waslet hawn Malta fil-21 ta' Frar 2017. Kwindi huwa kellu zmien tletin (30) gurnata mill-24 ta' Marzu 2017 biex jissotometti l-applikazzjoni tieghu. Jirrizulta pero` li l-applikazzjoni giet sottomessa fit-2 ta' Mejju 2017.

Illi certament l-applikazzjoni kienet wahda tardiva u ghalhekk il-Bord kien korrett li meta evalwa l-informazzjoni sottomessa ma sabx li r-rikorrenti jikkwalifika ghall-ezenzjoni. Madankollu t-Tribunal japprezza wkoll illi r-rikorrenti inghata informazzjoni zbaljata minn ufficjali tal-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta li rrifjutaw li jaccettaw l-applikazzjoni stante li ma kellux f'idejh il-permess ta' residenza. Jirrizulta fil-fatt illi r-rikorrent mar qabel id-data tat-2 ta' Mejju 2017 fl-ufficini tal-Awtorita` intimata biex japplika meta kellu f'idejh l-*acknowledgement* tal-applikazzjoni tieghu ghar-*residence card*. Pero`, minhabba li fl-Awtorita` intimata ilha tippersisti l-idea zbaljata illi min japplika ghall-ezenzjoni mit-taxxa ta' registrazzjoni irid ikollu f'idejh ir-*residence card,* allura r-rikorrent ma kellu xejn x'jaghmel hlief li jistenna li tkun lesta r-*residence card* sabiex l-Awtorita` intimata taccetta s-sottomissjoni tal-applikazzjoni tieghu.

Illi minkejja dan kollu, dak li jrid jara t-Tribunal huwa jekk il-Bord mexiex korrettement abbazi tal-informazzjoni li kellu quddiemu, u f'dan ir-rigward t-Tribunal ma jsib xejn x'jista' jiccensura mid-decizjoni tieghu ghal dak li ghandu x'jaqsam tardivita tal-applikazzjoni. **Madankollu, t-Tribunal jixtieq jirrileva kif diga sar f'numru ta' kawzi simili illi huwa ma jaqbel xejn ma' kif qed jizvolgu l-affarijiet meta wiehed japplika ghall-ezenzjoni** ***de quo***. Jirrizulta illi l-ewwel kuntatt li applikant qieghed ikollu hu mal-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta u li l-applikazzjoni ghall-ezenzjoni nnifisha

u l-informazzjoni necessarja tinghata mill-ufficini tal-istess Awtorita`. **Illi fil-fehma tat-Tribunal din hija prattika hazina u dan ghaliex, kif riskontrat anke f'appelli ohra, l-applikanti jista' jkun li qeghdin jinghataw informazzjoni mhux daqshekk preciza mill-impjegati tal-istess Awtorita`.** Jirrizulta illi wara li l-applikazzjoni tigi sottomessa ghand l-Awtorita` intimata, l-istess Awtorita` da parti taghha tghaddiha lill-Ministeru tal-Finanzi. **Illi t-Tribunal jawspika illi din il-prassi tigi riveduta fis-sens illi kull min irid jikseb informazzjoni dwar ezenzjoni mit-taxxa ta' registrazzjoni ghandu jiksibha mill-Ministeru tal-Finanzi u mhux mill-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta stante li hu biss il-Ministeru intimat li jiddeciedi dwar tali applikazzjoni tramite l-Bord mahtur appozitament. Illi ghaldaqstant ikun ghaqli li tali applikazzjonijiet jibdew jigu ricevuti mill-Ministeru tal-Finanzi biex b'hekk applikant ikun jista' jinghata l-informazzjoni mitluba korretta. Ghal dan il-ghan it-Tribunal qieghed jordna notifika ta' din is-sentenza lill-Ministru tal-Finanzi, Ekonomija u Investiment u lill-Ministru ghat-Trasport, Infrastruttura u Progetti Kapitali.**

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal, qieghed jaqta' u jiddeciedi, billi filwaqt li jilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita` intimata u konsegwentement jilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju, jichad' l-appell tar-rikorrenti u jilqa' r-risposta tal-Ministru intimat.

In vista tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-Awtorita` intimata ghandha tbati l-ispejjez taghha, filwaqt li l-ispejjez l-ohra ghandhom jithallsu mir-rikorrent.

__________________________________

**Magistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**